**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. HENRY JAMES PEARSALL**

**22 ta' Gunju 2017**

**Rikors Numru 22/2016**

**Robert Bowers**

**Vs**

**Ministeru ghall-Finanzi**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Robert Bowers** ipprezentat fis-7 ta' April 2016 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"*

1. *Illi permezz ta` decizjoni mehuda mill-Ministeru ghall-Finanzi fis-sbatax (17) ta` Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016), l-istess Ministeru nforma lill-esponent illi l-applikazzjoni tieghu in konnessjoni mal-ezenzjoni tal-hlas tat-taxxa skond l-Artiklu 19 tal-Kapitlu 368 tal-Ligijiet ta` Malta ma setghetx tigi milqugha u dan ai termini tal-Avviz Legal 440 tal-2013 (kopja ta` din id-decizjoni qeghda tigi hawn annessa u mmarkaata bhala Dok. 'A');*

2. *Illi primarjament jixtieq jigi sottomess illi l-esponent kien issottometta applikazzjoni mal-Ministeru appellat ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa skond l-Artiklu 19 tal-Kapitlu 368 tal-Ligijiet liema Artiklu jipprovdi s-segwenti:*

   *'(1) Bla ħsara għad-*disposizzjonijiet *tal-artikolu 17A, ma għandha titħallas ebda taxxa ta' reġistrazzjoni bis-saħħa ta' dan l-Att fuq vettura bil-mutur li tiġi importata jew miġjuba Malta bil-għan li tiġi esportata bħala merkanzija*

*mingħajr ma tiġi użata f'Malta u li tiġi rilaxxata mid-dwana għal dan il-għan, kemm-il darba dik l-esportazzjoni ssir direttament minn maħżen ta' depost, sakemm dik il-vettura ma terġax tiġi importata f'Malta.*
*(2) (a) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', b'ordni u bla ħsara għal kull kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jeżenta kull persuna mill-ħlas ta' xi taxxa jew parti minn taxxa jew minn xi obbligu impost taħt dan l-Att.*
*(b) Eżenzjoni bħal din tista' tingħata b'effett retrospettiv.*
*(ċ) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jirrevoka kull ordni li jsir taħt dan l-artikolu.*
*(d) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jiddelega l-awtorità tiegħu lil kull persuna sabiex tiġi attwata leżenzjoni taħt il-paragrafu (a).*
*(3) Il-vetturi bil-mutur li ġejjin għandhom, meta jiġu reġistrati mal-Awtorità, ikunu eżentati mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni:*

*(a) vetturi mgħoddija lill-Gvern ta' Malta għas-settur pubbliku;*
*(b) vetturi mgħoddija lill-Forzi Armati ta' Malta;*
*(ċ) vetturi li jkunu se jiġu użati minn istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea;*
*(d) vetturi mgħoddija lil organizzazzjoni internazzjonali li tkun rikonoxxuta bħala tali mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet barranin għal użu uffiċjali f'Malta; Kap. 191.*
*(e) vetturi mgħoddija taħt arranġamenti diplomatiċi, konsulari jew arranġamenti simili bis-saħħa tal-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi; u*
*(f) vettura bil-mutur M1 jew ċikletta li tkun il-proprjetà personali ta' individwu privat u li tkun qiegħda tinġieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta, iżda l-eżenzjoni tingħata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika għal eżenzjoni bħal dik. L-imsemmija eżenzjoni tingħata taħt dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet magħmula millMinistru responsabbli għall-finanzi.*

*(4) Meta vettura bil-mutur, li tkun ingħatat eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni skont is-subartikoli (2) u (3) tiġi mibjugħa jew isir disponiment minnha f'Malta, għandha titħallas fuqha t-taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli għall-valur fis-suq tal-vettura.*
*(5) Il-vetturi elenkati taħt is-subartikolu (3)(a) sa (e) ikunu eżentati wkoll mill-ħlas tad-drittijiet tal-liċenza ta' ċirkolazzjoni.*
*(6) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jawtorizza lill-Awtorità biex tirreġistra vettura bil-mutur, bla ħsara għal dawk ilkondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew restrizzjonijiet li hi tista' timponi, jew mingħajr ebda ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni jew bil- ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'ammont li jkun b'rata anqas minn dik li ġeneralment tkun dovuta jew, jekk dik it-taxxa tkun ġiet imħallsa, biex tħallas lura t-taxxa kollha jew parti minnha.'*

3. *Illi d-decizjoni mehuda mill-Ministeru appellat, giet ibbazata fuq ir-regolament 4(3)(d) tal-Avviz Legali 440 tal-2013, liema regolament jipprovdi s-segwenti:*

*'Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghal ezenzjoni ta]t is-subregola (1) .....(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tigi ezentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn*

*qabel id-data li fiha l-applikant jiehu r-residenza normali tieghu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data.'*

4. *Illi primarjament, l-esponent jixtieq jissottolinea illi hu fl-ebda hin ma applika mal-Awtoritajiet koncernanti ghall-residenza Maltija u dan ghaliex xoghlu ma kienx jippermettilu illi jirriloka kompletament f'Malta. Fil-fatt, il-kwistjoni tar-residenza giet mgharrfa lilu f'Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) meta huwa avvicina l-ufficjini ta` Transport Malta sabiex jirregistra l-vettura tal-ghamla Peugeot u bil-marka '206'. Fil-fatt, meta huwa rregistra l-imsemmija vettura, Transport Malta kienet ipprovditlu dokument intitolat 'How to register a used vehicle brought into Malta from an EU Member State', liema dokument qed jigi hawn anness u mmarkata bhala Dok. 'B'. F'dan l-istess dokument, m'hemm l-ebda informazzjoni relatata mal-materja tar-residenza. L-unika notament li hemm huwa dak li jghid li persuni ta` nazzjonalita` barranija u li m'ghandhomx karta tal-identita` Maltija, ghandhom seba` (7) xhur cans biex jirregistraw il-vetturi taghhom. Mhux talli hekk, imma talli meta mar biex jirregistra l-vettura sub-indikata, huwa gie mgharraf li huwa meqjus bhala resident ta` Malta u allura seta` jibbenefika mill-ezenzjoni tal-hlas tat-taxxa kieku rregistra l-vettura tieghu fi zmien tletin (30) gurnata.*

5. *Illi l-Ministeru appellat flimkien mat- Transfer of Residence Exemption Board naqsu milli jaghtu dettalji rigward ir-residenza tal-esponent inkluz meta dan gie rikonoxxut bhala resident ta` Malta. Dan qed jigi elenkat ghaliex bhal ma diga` gie sottolineat fil-punt precedenti, tul dawn l-ahhar erba` (4) snin, l-esponent kellu impjieg f'diversi pajjizi madwar l-Ewropa fosthom l-Italja, l-Irlanda, Lussemburgu u anke Malta. Kien sahansitra jikri appartament f'Malta u dan ghaliex ma kienx f'pozizzjoni li jixtri propjeta` fil-pajjiz meta kien jaf li l-maggior parti tas-sena kien ser ikun imsiefer fuq xoghol d'altrove. Fil-fatt, hu dejjem ikkunsidra ruhu bhala resident tal-Ingilterra u dan ghaliex id-dar tieghu kienet sitwata hemmhekk. Di piu`, l-esponent kien ghadu qatt ma avvicina l-Awtoritajiet Maltin sabiex japplika ghall-residenza Maltija, u dan bhalma ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

6. *Illi l-esponent ihossu aggravat minn tali decizjoni, u a tenur tal-Kapitlu 490 tal-Ligijiet ta` Malta, fiz-zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata mid-data tal-imsemmija decizjoni, qieghed jintavola dan l-appell quddiem dan l-Onorabbli Tribunal;*

7. *Illi l-aggravju tal-esponent huwa wiehed car u manifest:-*

    a. *Illi filwaqt illi huwa veru illi skond ir-regolament 4 (3) (d) tal-Avviz Legali numru 440 tal-2013, hemm indikat perjodu minimu ta` xahrejn u massimu ta` sena minn meta tkun giet stabbilita r-residenza f'Malta biex tkun tista` ssir l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni, pero` primarjament irid jigi stabbilit fuq liema kriterji bbazaw il-Ministeru appellat flimkien mat- Transfer of Residence Exemption Board meta ddecidew li l-esponenti kien diga` meqjus bhala residenti f'Malta;*

    b. *Illi mhux ammissibbli li xi Awtorita` pubblika tidhak jew tipprova tidhak b'persuna li titlob informazzjoni dwar id-drittijiet taghha inkluz informazzjoni relatata mar-residenza tal-istess. Dan aktar u aktar meta l-esponenti qieghed jigi rinfaccat b'sitwazzjoni fejn jista` jigi kkundannat b'mod diskriminanti sabiex ihallas eluf kbar ta` taxxa fuq il-vettura personali tieghu;*

c. *Illi l-esponenti agixxa in buona fede fuq l-informazzjoni li huwa pprovda inkluz bil-komportament tieghu lejn l-Awtoritajiet koncernati.*

*Ghaldaqstant, u in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu 'l quddiem waqt it-trattazzjoni ta` dan l-appell, l-esponent qieghed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex joghgbu jirrevoka u jhassar id-decizjoni tat-Transfer of Residence Exemption Board annessa bhala Dok. 'A' u tordna lill-istess Board biex jaccetta it-talba tar-rikorrenti ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni dwar il-vettura Porsche Cayenne EV54ROB u dan peress li kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-istess vettura jikkwalifikaw ghal tali ezenzjoni."*

Rat ir-risposta tal-**Ministru ghall-Finanzi**ipprezentata fit-22 ta' April 2017 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi in linea preliminari qed jiġi eċċepit illi l-Onorabbli Tribunal m'għandux il-kompetenza li jordna lit-Transfer of Residence Exemption Board biex jaċċetta t-talba tar-rikorrent għall-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni u dana għaliex t- Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu s-setgħa* **biss li jirrevedi atti amministrattivi** *maħruġa minn awtorita' pubblika bis-saħħa tal-***Artiklu 5 tal-Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva [Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta]** ***iżda m'għandux is-setgħa illi jordna*** *li tingħata l-eżenzjoni. Huwa jista' biss jordna illi l-bord jerġa' jevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrent;*

2. *Illi l-esponent sejjer bil-preżenti risposta, iwieġeb għar-rikors tal-appell interpost min Robert Bowers li permezz tiegħu talab lil dan it-Tribunal sabiex jirrevoka d-deċiżjoni tal-Ministru appellat datat 17 ta' Marzu 2016 u minflok l-applikazzjoni tar-rikorrent sabiex jiġi eżentat mill-ħlas ta' taxxi ta' reġistrazzjoni tiġi milqugħa stante illi kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-istess vettura jikkwalifikaw għal tali eżenzjoni;*

3. *Illi l-esponent jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*

4. *Illi l-esponent jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut għall-eżenzjoni tat-taxxa ai termini tal-***Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 hemm kif emendata bl-Avviż legali 440 tas-sena 2013** *taħt artikolu 4(3)(d) fejn l-imsemmi regolament jirrikjedi illi :-*
   *"l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data." ;*

5. *Illi mill-informazzjoni mogħtija mir-rikorrent Robert Bowers fl-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa fuq ir-reġistazzjoni tal-vettura tal-marka Porsche Cayenne bin-numru tar-reġistrazzjoni barrani EV54ROB sottomessa, hawn annessa u mmarkata bħala* **DOK A***, huwa ddikjara li ittrasferixxa r-residenza tiegħu f'Malta fit-***28 ta' Jannar 2013***;*

6. *Illi skont kuntratt datat 28 ta' Jannar 2013 u kif ukoll ittra tas-Sigurta' Soċjali datata 29 ta' Jannar 2013 li huwa stess provda mal-applikazzjoni liema applikazzjoni tinsab hawn annessa u mmarkata bħala* **Dok A** *huwa beda l-impjieg tiegħu ġewwa Malta fit-28 ta'*

*Jannar 2013. Di piu' f'ittra immarkata bħala A annessa mal-applikazzjoni huwa jgħid illi kien mogħti kuntratt ta' xogħol permanenti fit-28 ta' Jannar 2013;*

7. *Illi l-applikazzjoni ġiet sottomessa* ***fit-12 ta' Frar 2016****, skont id-data ddikjarata mir-rikorrenti stess u għalhekk huwa ċar illi ġiet sottomessa iktar minn tnax-il xahar wara li l-applikant ħa r-residenza normali tiegħu f'Malta. Illi għalhekk ma ġietx sottomessa fil-perjodu rikjest ai termini* ***tar-regolament 4(3)(d) tal-leġislazzjoni sussidjarja 368.01*** *ċitat iktar 'il fuq****;***

8. *Illi f'ittra mibgħuta mir-rikorrent datata 21 ta' Marzu 2016 hawn annessa u mmarkata bħala* **Dok B** *ir-rikorrent saħansitra jgħid illi huwa għadu residenti tal-Ingilterra. F'dan il-każ ukoll huwa żgur ma jkunx eleġibbli għal eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa għaliex il-liġi espressament tirrikjedi illi sabiex wieħed jibbenefika minn din l-eżenzjoni huwa jrid ikun residenti f'Malta;*

9. *Illi l-esponent filwaqt li jagħmel referenza għar-rikors tal-appell interpost mir-rikorrenti fejn fir-rigward ta' fejn jgħid illi fid-dokument mogħtija lilu mill-Awtorita' għat-Transport f'Malta m'hemm ebda informazzjoni relatata mal-materja ta' residenza, jgħid illi l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dan ir-rigward u li l-awtorita' hija għal kollox separata u distinta mill-Ministeru kif ingħad anke minn dan l-Onorabbli Tribunal.*[1]

   *Ir-rikorrent saħansitra jgħid illi xi "Awtorita' Pubblika tidħak jew tipprova tidħak b'persuna li titlob informazzjoni". L-esponent hawnhekk pero' jirribatti illi dawn huma insinwazzjonijiet għal kollox fiergħa u gratwiti liema allegazzjonijiet qed jiġu kategorikament miċħuda mill-esponent.*

   *Fir-rigward ta' fejn intqal fir-rikors odjern illi l-Ministru appellat flimkien mat-Transfer of Residence Exemption Board naqsu milli jagħtu dettalji rigward ir-residenza inkluż meta dan ġie rikonoxxut bħala resident ta' Malta, l-esponent jgħid illi l-ewwelnet ma hemm* ***ebda obbligu fil-liġi*** *li l-esponent kellu jagħti xi informazzjoni biex wieħed japplika. Huwa propju obbligu u fl-interess ta' min irid japplika biex jagħmel il-verifiki tiegħu jew ifittex parir legali. Inoltre' bla preġudizzju jingħad illi l-fatt illi ma ngħatatx l-informazzjoni* ***ma teżonerax lill-applikant milli josserva d-dispożizzjonijiet tal-liġi.*** *Jibqa' ċertament il-fatt illi hawnhekk japplika l-kunċett ta'* ***ignorantia iuris neminem excusat*** *u l-fatt li r-rikorrent irid iġorr ir-responsabbilta' tan-nuqqas ta' verifika tal-provvedimenti tal-liġi applikabbli għal każ tiegħu. Kieku ried seta' faċilment isib il-liġi applikabbli u l-liġi sussidjarja propju mis-sit tal-liġijiet ta' Malta jew inkella ifittex parir legali.*

   *Illi madankollu propju fl-ewwel paġna tal-applikazzjoni hemm spjegazzjoni ċarissima tal-kriterji rikjesti sabiex wieħed jingħata l-eżenzjoni mit-taxxa. Ir-raba' paragrafu jgħid ċar illi "A vehicle is to be declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later than twelve months following that date".*

[1] Vide sentenza David Barry vs Ministeru għall-Finanzi kif rappreżentat mic-Chairman tat-Transfer of Residence Exemption Board datata 9 ta' Ġunju 2014 minn dan l-Onorabbli Tribunal, rikors numru: 20/2014

*Illi magħdud ma' dan fuq it-tieni paġna tal-applikazzjoni l-applikant iffirma dikjarazzjoni fejn permezz tagħha jiddikjara li "I also declare that I have read the legal provisions outlined under LN 440 of 2013."*
*Illi bla preġudizzju jintqal illi lanqas kieku vera kien hemm xi nuqqas minn-naħa ta' xi awtorita', il-Bord xorta huwa obbligat li jirrifjuta l-applikazzjoni taħt ir-**regolament 4(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01;***

10. *Illi fir-rigward punt 5 tar-rikors promotur dwar ir-residenza tal-appellant, u fir-rigward tal-punt 7 (a) fejn qed jiġi mistoqsi fuq liema kriterji bbażaw il-Ministeru appellat flimkien mat-Transfer of Residence Exemption Board meta ddeċidew li l-esponenti kien diġa' meqjus bħala residenti f'Malta, il-Ministeru intimat propju straħ fuq l-informazzjoni mogħtija minnu stess fl-applikazzjoni mertu ta' dan ir-rikors u d-dokumenti annessi magħha;*

11. *Illi għalhekk fid-dawl tas-suespost, huwa ċar illi l-applikant ma laħaqx issottometta l-applikazzjoni tiegħu fiż-żmien rikjest espressament mil-liġi u għaldaqstant l-applikazzjoni għal eżenzjoni mit-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-vettura tar-rikorrent ma setgħetx tintlaqa' u fil-fatt ġiet ġustament miċħuda stante li ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi regolament."*

Sema' x-xhieda bil-gurament;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi jirrizulta illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tat-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem "il-Bord) datata 17 ta' Marzu 2016 li permezz taghha gie mgharraf illi l-applikazzjoni sottomessa minnu ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura tieghu tal-marka Porsche Cayanne kienet qieghdha tigi rifjuata stante li ma kinitx tissodisfa Regolament 4 (3) (d) tal-Avviz Legali 440 tal-2013 li jghid illi applikant irid japplika ghall-ezenzjoni mhux qabel xaharejn izda mhux iktar tard minn sena minn meta jiehu r-residenza tieghu hawn Malta.

Illi mill-applikazzjoni ipprezentata quddiem il-Bord fit-12 ta' Frar 2016, li kopja taghha giet esebita in atti,[2] jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi r-rikorrent iddikjara illi huwa ttraferixxa r-residenza ordinarja tieghu hawn Malta fit-28 ta' Jannar 2013;
2. Illi huwa kien wasal Malta fl-1 ta' Lulju 2008;
3. Illi l-imsemmija vettura kienet inxtrat minnu fl-2005.

[2] Dok A a fol. 19 et seq

Illi mill-affidavit tar-r**ikorrent** jirrizulta illi huwa kien ilu jahdem ma' Kumpanija li topera minn Malta ghal cirka erba' snin pero` x-xoghol tieghu kien jirrikjedi li jqatta' diversi perjodi barra minn Malta. Jispjega li fl-2013 huwa gie ingaggat b'mod permanenti mal-Kumpanija SR Technics bhala *sheet metal specialist*. Jispjega illi sa Lulju 2015 huwa kien qieghed jikri appartament hawn Malta u eventwalment f'Awissu 2016 xtara proprjeta` hawn Malta. Jghid illi huwa ma kienx iqis lilu nnifsu bhala residenti hawn Malta u gie konxju tar-residenza tieghu Maltija meta f'Ottubru 2015 mar biex jirregistra vettura tat-tip Peugeot 206 u gie indikat lilu minn ufficjali ta' Transport Malta li seta' jirregistraha fi zmien seba' xhur. Jispjega illi sussegwentement, fi Frar 2016, huwa ssottometta applikazzjoni biex jigi ezentat mit-taxxa ta' registrazzjoni ghall-vettura in kwistjoni, liema applikazzjoni pero` giet rifjutata. Jispjega illi huwa ttrasferixxa r-residenza normali tieghu lejn Malta fid-data meta mela l-istess applikazzjoni, u cioe` fit-12 ta' Frar 2016. Jispjega illi huwa qatt ma talab lill-awtoritajiet Maltin biex jigi meqjus bhala resident Malti u fil-fatt ghadu fil-pussess ta' passaport Brittaniku, licenzja tas-sewqan tar-Renju Unit u numru tas-sigurta socjali Brittaniku.

Illi **Frans Attard**, *Chairman* tat-*Transfer of Residence Exemption Board*, spjega illi l-Bord irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent peress li l-istess rikorrent iddikjara li huwa ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta fit-28 ta' Jannar 2013 u li ghalhekk kien ferm oltre t-terminu entro liema seta' jissottometti l-applikazzjoni tieghu. Mistoqsi ghaliex ma qisux id-data tat-12 ta' Frar 2016 bhala d-data li fiha r-rikorrent ha r-residenza tieghu, u cioe` d-data meta hija ffirmata l-applikazzjoni, ix-xhud spjega illi f'sezzjoni B tal-applikazzjoni hemm imnizzel car li r-rikorrent ried jindika d-data "*of taking up residence in Malta*" u hemmekk l-istess rikorrent indika l-gurnata tat-28 ta' Jannar 2013.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tar-Regolament 4 (3) (d) tal-Avviz Legali 440 tal-2013:-

***"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht is-subregola (1):***

***(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tigi ezentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jiehu r-residenza normali tieghu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data."***

Illi fl-affidavit imressaq mir-rikorrent jirrizulta car illi l-istess rikorrent, certament sal-2015, ma kienx iqis lilu nnifsu bhala li ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta. Madankollu meta gie biex jimla l-applikazzjoni in kwistjoni huwa ghazel li jiddikjara li ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta fit-28 ta Jannar 2013. Raguni ghala nizzel din id-data ma nghatatx.

Illi mill-ezami kondott lix-xhud Frans Attard u mis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti jirrizulta illi huwa qieghed jikkontendi li d-data ta' meta ttrasferixxa r-residenza tieghu kellha tittiehed bhala dik tat-12 ta' Frar 2016 u cioe dik id-data li tidher hdejn fejn iffirma l-applikazzjoni in kwistjoni. Huwa jikkontendi li fis-sezzjoni D hemm is-segwenti dikjarazzjoni u cioe`: "*I hereby declare that I have been residing outside Malta for at least twenty-four months immediately before taking up residence in Malta and that I am transferring my normal residence to Malta on the date declared in this application.*" B'hekk ir-rikorrent qed isostni li d-data mnizzle taht din id-dikjarazzjoni, u cioe` t-12 ta' Frar 2016, ghandha tittiehed bhala d-data li fiha huwa beda jirrisjedi hawn Malta.

Illi t-Tribunal ma jaqbel xejn ma' din is-sottomissjoni. L-applikazzjoni qieghdha mqassma b'mod car hafna u hemm parti specifika li fiha applikant irid inizzel kemm **id-data ta' meta wasal Malta** u **d-data ta' meta ha r-residenza hawn Malta**. Illi din id-data giet mimlija mir-rikorrent bhala t-28 ta' Jannar 2013. Ir-rikorrent ma offra l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ghala huwa ghazel li jnizzel proprju d-data tal-2013.

Illi, ghaldaqstant, il-Bord ma kellu l-ebda triq ohra hlief li jimxi mad-dettami tal-ligi u japplika l-istess ligi. Una volta gie stabbilit, skond kif dikjarat mill-istess rikorrent, illi huwa kien ittrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta fit-28 ta' Jannar 2013, il-Bord necessarjament ezamina jekk l-istess applikazzjoni kinitx giet sottomessa *entro* xaharejn qabel jew sa tnax-il xahar wara li ha r-residenza ordinarja tieghu hawn Malta u ladarba ra li s-sottomissjoni tal-istess applikazzjoni ma kinitx saret f'dawk il-parametri, hareg ir-rifjut.

Illi r-rikorrent issottometta illi l-Ministeru intimat u l-Bord naqsu milli jaghtuh dettalji rigward ir-residenza tieghu, inkluz meta dan gie rikonoxxut bhala resident ta' Malta. Illi t-Tribunal jinnota illi l-applikazzjoni fiha informazzjoni sufficjenti b'lingwa li r-rikorrent certament jifhem tajjeb u ghalhekk ma hemmx lok li wiehed jghid li r-rikorrent ma nghatax informazzjoni jew li seta' gie zgwidat. Infatti, fis-sezzjoni A tal-istess applikazzjoni wiehed isib illi "*transfer of residence*" *meansd the actual transfer of the normal residence of a person from a place outside Malta to a place in Malta.*

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-awtoritajiet pubblici ghandhom, fid-diversi formoli u applikazzjonijiet li jezistu, ikunu mill-izjed cari fl-informazzjoni li jkunu qed jitolbu mill-applikant biex b'hekk ma jkun hemm lok ta' l-ebda dizgwid. It-Tribunal ihoss, li fil-kaz in kwistjoni, l-applikazzjoni hija wahda cara u fil-parti informattiva taghha tirriproduci dak li tghid il-ligi nnifisha. Illi ladarba r-rikorrent ghazel li jnizzel dak li fl-opinjoni tieghu kellu jnizzel, ma jistghax

jimputa xi tort lill-Bord li ibbaza d-decizjoni tieghu fuq dak sottomess minnu stess. Il-Bord jista' f'certi kazijiet, bhal ma gieli ghamel, jitlob kjarifika fejn forsi tkun thalliet barra xi informazzjoni relevanti. Imma f'dan il-kaz l-applikazzjoni kienet mimlija b'kull informazzjoni rikjesta u ghalhekk il-Bord ma ra li kellu l-ebda htiega li jitlob kjarifiki.

Illi milli jista' jevalwa t-Tribunal ir-rikorrent, sal-21 ta' Marzu 2016, u cioe` wara li nghatat id-decizjoni appellata kien ghadu jikkonsidra lilu nnifsu bhala residenti tar-Renju Unit u dana peress li f'ittra li kiteb lill-Bord fl-istess data iddikjara s-segwenti: *"I still consider myself as a resident of the UK until I have purchased my home here. At this point I would consider myself as a permanent resident here."*[3] Dan ifisser li skond ir-rikorrent fil-mument tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tieghu huwa kien ghad m'ghandux dik l-intenzjoni li jirrisjedi hawn Malta. Illi certament il-hsieb tal-legislatur wara l-ghoti tal-ezenzjoni kien li din tinghata lil min pozittivament icaqlaq ir-residenza tieghu ghal Malta. It-trasferiment tar-residenza ma jsirx accidentalment ghax wiehed ikun se japplika ghal xi beneficcju imma jsir ghaliex l-individwu ikun ifforma f'mohhu dak il-hsieb li jqis lil Malta bhala l-pajjiz fejn huwa se jistabilixxa r-residenza normali tieghu. Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi d-decizjoni tal-Bord kienet wahda gusta fic-cirkostanzi u fid-dawl tal-informazzjoni supplita mir-rikorrent innifsu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq espressi, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Ministeru intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**

[3] Dok B a fol. 42